# SEDJI TAL-UNUR
## U L-BAĊILI/TRIJONFI FIL-KNISJA TA' SAN LAWRENZ TAL-BIRGU

Lorenzo Zahra

Il-Knisja Parrokkjali tal-Birgu, iddedikata lil San Lawrenz, barra li kienet l-ewwel parroċċa f'Malta kienet ukoll magħżula biex isservi bħala l-ewwel knisja tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, u b'hekk ħadet it-titlu ta' Konventwali tal-Ordni. Il-prijur li kien imexxiha dak iż-żmien kien igawdi privileġġi bħal tal-isqfijiet. Billi l-isqof f'dik il-ħabta kien ikun magħżul minn ħdan l-Ordni, u billi kien ukoll waqqaf il-palazz tiegħu fil-Birgu, l-isqof kien jagħmel użu mill-istess knisja bħala s-sede tal-isqof fejn kellu s-sedja tiegħu. Meta l-Ordni ġarret lejn il-Belt Valletta, u fil-Birgu twaqqaf is-Sant'Uffizzju (dak li nsejħulu l-Inkwiżitur), dan ukoll ried li f'xi ċirkustanzi jieħu sehem fil-funzjonijiet fl-istess knisja, u billi kien jgħin lill-knisja għax kien iħallas xi servizzi, kellu wkoll is-sedja tiegħu fl-istess knisja.

L-Università tal-Maltin, ċoè l-ġurati, kif kienu msejħa dak iż-żmien id-deputati flimkien mal-Ħakem jew Sindku tagħhom, ukoll kellhom is-sedja tagħhom fuq it-tieni presbiterju tal-knisja, biex hekk kellhom post distint fil-festi prinċipali għax dawn kienu jieħdu sehem uffiċjalment. L-Università kienet tħallas lill-organista, u tħallas ukoll għal xi servizzi oħra, u allura kellha ċerti drittijiet fl-istess knisja. Billi l-Università kienet tħallas ukoll għall-predikaturi tal-Kwareżima (ta' żmien ir-Randan u l-Avvent), il-ġurati kienu obbligati li jattendu u jisimgħu dawn il-prietki. Iżda kien inqala' ħafna inkwiet meta l-Isqof Cagliares, fl-1626, kien ried li l-predikatur jagħżlu hu. F'dil-biċċa kien indaħal ukoll l-istess Gran Mastru, u l-Kappillan ta' San Lawrenz sab ruħu f'ħafna inkwiet. Fl-Arkivju tal-knisja ta' San Lawrenz, fil-Volum Cartolaro Vol. 1, parti 2, hemm rapport ta' dak li ġara f'din l-okkażjoni, u l-Kan. Dun Anton Zammit Gabaretta kien tana rendikont ta' dak li ġara fil-ħarġa tal-*Pronostku* tal-1979.

Pretensjoni oħra kienet dik tal-Gvernatur tal-Birgu, li fil-purċissjoni ta' Korpus Christi, li fil-Birgu kienet mill-qedem tkun iċċelebrata b'solennità kbira, kien ried li jżomm lasta tal-baldakkin. Il-problema kienet li l-baldakkin kellu erba' lasti, u dawn kienu jerfgħuhom erba' ġurati tal-Università. Għalhekk, b'ordni tal-Isqof, il-baldakkin tal-Birgu kienet żdiditlu lasta oħra fuq wara, biex din iżommha l-Gvernatur tal-Birgu u b'hekk jiġi evitat l-inkwiet.

Fis-sena 1629 kien inqala' inkwiet ieħor għall-kappillan ta' San Lawrenz, Dun Ġużepp Fiteni. Din id-darba għaliex il-kaptan tal-Birgu – il-Kavallier Barras tal-Lingwa tal-Avernja – ried li jkollu sedja fuq it-tieni presbite tal-knisja, bħalma kellhom il-ġurati tal-Università. Skont ir-rapport li kiteb il-kappillan fis-27 ta' Ġunju 1629, l-użanza tas-sedji kienet biss għall-Gran Mastru, għall-Isqof, għall-Inkwiżitur, għall-Vigarju Ġenerali, għall-Gran Kroċi, kif ukoll għall-ġurati tal-Università, u li qatt il-kaptani tal-Birgu ma kellhom is-sedja tagħhom. Allura Dun Ġużepp Fiteni mar għand l-Isqof biex jieħu l-ordni dwar x'kellu jagħmel minħabba l-insistenza tal-Kaptan. L-Isqof qal lill-kappillan biex possibbilment ikabbar is-sedja tal-ġurati biex il-kaptan ikun jista' joqgħod magħhom. Wara li tkellem mal-ġurati, għall-bidu aċċetta, iżda ma damx għax għamel sedja ġdida biex iqegħedha fil-knisja.

Il-Kavallier Barras milli jidher kien iħobb jaqla' l-inkwiet u jkabbar l-affarijiet għax huwa kiteb ukoll lill-Gran Mastru ittra li bagħatlu fil-Palazz ta' Sant'Anton mal-Prijur tal-Lingwa ta' Leon. Sar proċess quddiem l-Isqof, u ġie msejjaħ ukoll Dun Krispin DeCaro, li kien kappilan ta' San Lawrenz qabel Dun Ġużepp. Dan stqarr li xi 35 sena qabel, meta hu kien kappillan, qatt ma kienet li l-Kaptan ikollu sedja għalih fil-knisja. Hekk kompla jgħid ukoll il-Kanonku GioMaria Abela, li kien Vigarju, kif ukoll Dun Mikiel Cap, kappillan ta' Bormla li qabel kien serva ta' kjeriku fil-knisja ta' San Lawrenz. Mill-proċess jidher li dan il-Kavallier Barras ma kienx benvist mal-kappillan. Jidher minn xhieda oħra bħal dik ta' Andrea Tonna, ta' Alojsia La Rocha, u ta' Petru Jacobo li qal li kellu inċident meta kien jilgħab il-Brigli ma' ċertu Antonio Mustaccia fil-pjazzetta tal-Birgu u dan mar iġib ix-xabla għalih.

Jidher li mhux lakemm wieħed kien jippretendi s-sedja f'din il-knisja, il-għaliex il-knisja ta' San Lawrenz kienet il-knisja uffiċjali għall-użu ta' ċerti dinjitarji għal bosta snin.

## IL-FRATELLANZA TAL-MADONNA TAL-KARITÀ FIL-BIRGU.

It-titlu tal-Madonna tal-Karità daħal fostna l-ewwel fil-belt il-qadima ta' Malta – il-Birgu. L-Għaqda f'isem il-Madonna biex tgħin lill-foqra bdiet fil-parroċċa tal-Birgu meta din kienet stabbilita fil-knisja tal-Patrijiet Dumnikani, billi l-knisja ta' San Lawrenz kienet tinsab f'idejn l-Ordni tal-Kavallieri. Il-Fratellanza bdiet fl-1544, iżda fl-1580 meta din marret fil-knisja ta' San Lawrenz, l-Isqof Gargallo kien ħareġ digriet biex jikkonfermaha. Fil-knisja tad-Dumnikani riedu li jibqa' jkollhom fratellanza bħalha. Allura twaqqfet oħra iżda bl-isem ta' Fratellanza tar-Rużarju.

Ix-xogħol ta' dawn il-fratelli kien li jgħinu l-foqra u jidfnu l-mejtin. Kienu għalhekk jiġbru l-flus għall-karità u jqassmu l-ħobż lil min kien bżonnu. Fl-1605 l-Isqof kien ġabilhom diversi indulġenzi speċjali, u fl-1615 il-Fratellanza kienet ingħaqdet ma' dik tal-knisja ta' San Ġilormu ta' Ruma. Kienu akkwistaw statut fl-1659 u ħames snin wara bdew jidħlu mal-piki bejnhom u bejn ir-Rużarjanti dwar min kellu preċedenza minnhom.

**Ix-xogħol soċjali li kienu jagħmlu l-Fratellanzi kien meħtieġ ukoll fi bliet u rħula oħra ta' Malta, hekk li bdew jitwaqqfu Fratellanzi bħalhom 'l hawn u 'l hinn. Hekk fl-1589 twaqqfet waħda fiż-Żejtun, fl-1610 fil-Belt Valletta, fl-1655 ġewwa Ħal Għaxaq, fl-1695 f'Ħaż-Żebbuġ, fl-1715 fil-Belt tal-Isla, fl-1758 fir-Rabat tal-Imdina, u fl-1781 ġewwa Birkirkara.**

Il-Fratellanza tal-Birgu kienet oriġinat mill-fundatur tagħha tal-familja Testaferrata; familja nobbli li kienet toqgħod il-Birgu. Fil-Fratellanza kellu jkun hemm sittax-il fratell u Rettur, u dawn ma kellhom iħallsu l-ebda annwalità billi l-Fratellanza kien waqqafha l-fundatur. Is-servizz tagħhom lejn il-fqajrin kien meqjus biżżejjed. Il-Fratellanza Vittorjożana kienet mhux biss ta' għajnuna għall-fqar, imma kienet ukoll speċjali għax fil-purċissjoni l-fratelli kienu jġorru l-**baċili** li minnhom kienu jqassmu l-ħobż. Dawn il-baċili – li fl-imgħoddi kienu jissejħu "Trijonfi" – kienu bħal *trays* imżejna bi statwi qaddisa mdawra bi ħbejżiet żgħar kull fejn tara. Id-drawwa bdiet billi l-fratelli kienu joħorġu spiss bi *trays* bħal dawn iqassmu l-ħobż, imma nhar il-festa, it-*trays* kienu jkunu mżejna bl-istatwetti u dekorazzjoni oħra, u l-ħobż kien jitqassam wara.



Il-baldakkin kellu biss erba' lasti. Allura, b'ordni tal-Isqof żdiditlu lasta oħra

Il-fratelli kienu bl-imħatra min iżejjen il-baċil tiegħu l-isbaħ. Waqt il-purċissjoni, il-fratell kien iżomm it-torċa f'idu, u persuna oħra quddiemu bil-kunfratija żżomm it-trijonf tiegħu. Il-libsa tal-fratelli kienet għall-bidu kunfratija bajda, iżda fl-1797 kienu ngħataw permess biex jilbsu muzzetta krema, bl-insinji tal-karità fuqha, billi dik il-ħabta ħafna fratellanzi oħra bdew jilbsu l-muzzetta wkoll.

Il-purċissjoni kienet issir fit-tielet Ħadd ta' Mejju. L-istatwa l-qadima, li kienet ukoll imlibbsa, kienet ġiet issostitwita, imma wieħed għadu jista' jara r-ras tagħha fil-Mużew tal-Birgu. Il-vara l-ġdida saret minn Darmanin, iżda l-festa ma saret qatt aktar minn wara l-Gwerra 'l hawn, u l-fratellanza ġiet meqruda. Lejlet il-festa, il-baċili kienu jittieħdu kollha fil-knisja tat-Trinità li kienet fi *Strada San Lorenzo*, u l-Banda *Duke of Edinburgh* kienet tmur għailhom – tgħaddi mill-Pjazzetta, mit-Triq tal-Labatija, u jduru lejn il-Parroċċa. L-għada, nhar il-festa, dawk

it-trijonfi sbieħ kien ikun fihom għaxqa, mexjin f'dik il-purċissjoni unika f'Malta. Kienu jinġabru ħafna nies biex jarawhom għaddejjin, f'purċissjoni akkumpanjata mill-banda. Għadni niftakar xi wħud mill-fratelli li kellhom minn dawn il-baċili. Uħud nafhom b'isimhom, u oħrajn nafhom biss bil-laqam. Qed insemmihom hawn f'ġieħ l-istorja: Benjamin, ta' Wenzu Dalmas, ta' Barbara, ta' Renzu Cacciattolo, Ruffini l-Iskultur, Bartelmin, Rafel il-Pejxu, tal-Ħall, u ta' Saburas. Naturalment ir-Rettur kien jakkumpanja fin-nofs, bid-distintiva tal-fidda fuq sidru, waqt li fil-purċissjoni kien ikun hemm fratell bis-suġġetta f'idu, ħalli jmexxi l-purċissjoni huwa.

Min irid jara l-uniku wieħed minn dawn it-trijonfi jew baċili li għad baqa' għall-wiri, jista' jżur il-Mużew fl-Oratorju ta' San Ġużepp, il-Birgu.

## MANIKINI MLIBBSIN

Waħda mill-karatteristiċi li baqgħet konservata fil-Belt Vittoriosa hija t-tradizzjoni li l-vari huma manikini mlibbsin. Fil-fatt għandna l-vari ta' San Lawrenz, San Ġużepp, u l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Din hija użanza li nġiebet mill-baħħara Maltin tal-imgħoddi li kienu jivvjaġġaw f'artijiet taħt il-ħakma ta' Spanja. Nifhmu għalhekk li nġiebu minn barra partijiet biex setgħu jsiru l-manikini lokali. Statwi ta' dan it-tip bdew jidhru fostna lejn il-bidu tas-seklu XVII, billi l-Konċilju ta' Trentu (1545–63) kien impedixxa l-użu ta' statwi manikini.

L-ewwel vara f'Malta li tissemma f'purċissjoni mill-Visti Pastorali kienet dik ta' Santu Rokku fil-knisja ta' San Lawrenz il-Birgu. Din ma kenitx manikin; kienet vara tal-injam li niftakar tajjeb kienet tintrefa' fit-taraġ lejn l-Awla Kapitulari (jiġifieri l-awla fejn jiltaqa' l-Kapitlu) qabel it-tiġrif tal-Gwerra.

L-ewwel darba li vara ta' San Lawrenz tissemma f'dokument hu fis-sena 1621. L-istoriku Gianmarì Farrugia kien għarrafna b'karikatura li kellu Dun Anton Pace li turi l-purċissjoni ta' San Lawrenz bl-istatwa kif kienet toħroġ fi żmien l-Ordni. Nifhmu li din hija tat-tieni nofs tas-seklu XVIII. Għad għandna kopja tagħha fil-mużew.

Il-vara ta' San Lawrenz, minn sena għal oħra kienet tiżżarma wara l-festa u tintrefa'. Hekk ġara fis-sena 1880 meta saru ż-żewġ niċeċ, dik ta' San Lawrenz u dik ta' Santa Katerina. Xi erbgħin sena qabel kienet saret suttana ġdida ħamra, li qamet 50 skut, biex titlibbes lill-vara (ara: AAM Sup.AF 1844 – Vol 89/p.44). Fl-1851 il-vara ta' San Lawrenz fil-festa kellha diġà f'idejha gradilja tal-fidda (ara: djarju tal-viżitatur barrani Badger). Fl-1886 iI-vara bdiet tiġi mżejna b'erba' vażetti tal-fidda bil-fjuri li kienu saru mis-sorijiet ta' Santa Katerina, il-Belt. Dawn għadna ngawduhom sal-lum.

Gianmarì Farrugia kien jgħid li l-vara ntmesset bil-pinzell minn Dun Lawrenz Calleja (1846–95), saċerdot u artist. Minn dak iż-żmien, meta saru l-bradella u l-pedestall fl-1903, il-manikin ġie mtawwal, biex l-ilbies joqgħod aħjar. Dan ix-xogħol kien sar minn Abram Gatt ta' Bormla.

Il-bradella saret fl-1903 mill-injam tal-ġewż, tal-larinġ, bux, u ebbanu. Fiha xogħol ta' skultura u ta' intarzjar, u dekorazzjoni bil-madreperla u bil-fidda. Id-disinn hu ta' Alfonsu Pace, u ħadmuha Lorenzo Ruffii u Franġisku Azzopardi. Mal-faċċati wieħed jista' jara l-armi tal-Gran Mastru L'Isle Adam, ta' La Vallette, tal-Konti Ruġġieru, u tal-Papa Urbanu II. Ma' kull faċċata hemm anġli tal-fidda ta' Sażiliski u Katidrali Lawrenzjani: Ruma, Alba, Clairemonte, Firenze, Ġenova, Viterbo, Eskurial, San Damaso, Ruma. Sfortunatament il-bradella sfat imfarrka fil-Gwerra, u ttieħdet fil-Kunvent ta' San Mark, ir-Rabat. Fl-1947 ġiet irrestawrata b'ħila minn Lorenzo Zammitellu u illustrata minn Lorenzo Naro. Il-kumitat tal-festa dik il-ħabta kien magħmul mill-Arċipriet, P. Galea, B. Dalmas, G. Calleja, L. Grech, P. Gellel, u T. Cacciattolo.

Fl-1953, Salvu Cardona kien ħadem bradella u pedestall għall-jiem tan-novena għax il-vara kienet tintrama nhar l-Antiviġilja.